**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 2 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 290/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent fit-8 ta' Gunju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-18 ta' Mejju, 2001 u f'dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, C, D u E ahwa Farrugia, lkoll minuri u jirrisjedu mal-esponenti (certifikat taz-zwieg anness bhala Dokument A).

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 16 ta' April, 2010 fl-atti tan-Nutar Dr. J. Smith La Rosa (kopja tal-kuntratt anness u mmarkat bhala Dokument B).

Illi l-partijiet ilhom 'l fuq minn erba' snin jghixu separatament minn xulxin, ma hemm ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u l-manteniment ghall-minuri qieghed

jithallas b'mod regolari. Ghalhekk, ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi sabiex jinghata divorzju jinsabu sodisfatti.

Illi l-esponenti tixtieq tottjeni d-divorzju u li z-zwieg taghha mal-intimat jigi mahlul.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Ra r-risposta tal-intimat illi eccepixxa illi:-

Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-18 ta' Mejju, 2001 u minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal, illi pero' llum rrizulta li zewgt itfal biss huma tal-esponent u dan kif ikkonfermat mir-rizultat tad-DNA, liema rizultat kien ukoll accettat mill-istess A.

Illi l-partijiet kienu sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 16 ta' April, 2010 fl-atti tan-Nutar Joseph Smith La Rosa, Dokument B anness.

Illi wara dan iz-zmien huma kienu ghamlu perjodu jergghu jghixu flimkien.

Illi l-esponent, okkorrendo l-fatt li huwa llum sar jaf li ilu tlettax-il sena jmantni wild li mhix tieghu, mhux qed joggezzjona ghal tali talba u ghalhekk talab lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara l-halla taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar it-18 ta' Mejju, 2001 u dan ai termini tal-Artikolu 66D tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li m'hemmx opposizzjoni u rat ukoll l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' April, 2010 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66D tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta
2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

It-terminu ghall-appell minn din is-sentenza qed jigi abbrevjat ghal jum, bi qbil bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**